

# Il-Bandi [Ordnijiet] maħruġa mill-Kavallieri f'Malta - Tiżjin, Mixgħela u Logħob tan-Nar

*Kitba tal-Avv. Dr. Michael Tanti-Dougall*
B.A., B.Ed. (Hons.), LL.D.

## Introduzzjoni

Kif spjegajt fl-ewwel artikolu ppubblikat is-sena l-oħra, il-Bandi [plural ta' "*Bandu*"] kienu mod kif il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, bħala mexxejja ta' Malta, kienu jwasslu lill-poplu tagħna l-ordnijiet tagħhom fuq aspetti differenti tal-ħajja fis-soċjetà Maltija, l-aktar biex jinżamm il-buon ordni u jkun hemm governanza aħjar. Il-Bandi kienu jitwasslu għand il-poplu tal-gżejjer tagħna billi jinqraw fil-pjazza minn xandar magħżul għal dak l-iskop.

Tajjeb li wieħed jiftakar illi l-Bandi ma kenux sempliċiment ordnijiet imma kienu liġijiet li ħafna drabi kienu jġibu magħhom piena ta' multa u xi kultant ukoll daqqiet ta' swat li wieħed kien jeħel dejjem kemm-il darba jinstab li kien kiser dak ordnat f'xi Bandu. Il-multa li wieħed jista' jikkonsidraha bħala taxxa ta' dak iż-żmien, kienet normalment tmur għall-bini u għall-manutenzjoni tas-swar jew għall-foqra.

Tajjeb li jingħad ukoll illi aktar mill-aspett legali tagħhom, biex wieħed jifhem ahjar kif il-Kavallieri kienu jiggvernaw matul is-snin, il-Bandi huma t'interess kbir biex wieħed japprezza kif kienet il-ħajja f'Malta dak iż-żmien.

Il-Bandi oriġinali li huma numerużi, jinsabu fl-arkivji tal-Biblioteka Nazzjonali u huma kkunsidrati bħala dokumenti li għandhom valur storiku-legali-soċjoloġiku importanti ħafna. Il-lingwi li huma miktubin bihom ħafna mill-Bandi huma normalment tnejn: jew bil-Latin antik, medjevali jew bl-Isqalli u minħabba f'hekk, mhu faċli xejn li jinqraw u li jinftehmu malajr għal min jirriċerkahom.


Bando — li 23. Luglio 1795.
S.A.S. Padrone, in vigore del presente Bando,
fin'a nuovo suo Ordine, permette a Tutti Li
Suoi Sudditi, e Vassalli d'andare a Caccia de
Volatili di passa, Conigli, con Schioppo, Foretti
Cani, e Reti, fuori però de suoi Riservati
Proibendo loro sempre la Caccia de Lepri,
Lepragiane, Pernici, e Colombe, sotto pena di
vogare il Remo in Galera per Anni Tre, ò
pure di pagare al Fisco Onze Venti, e chi
vorrà prevalersi di tale permesso, dovrà pri-
ma riportare la Licenza in scritto dal Suo
Falconiere.
Il Falconiere di S.A.S.
Com.re Neveu

## Bandi fuq tiżjin u mixgħela

Is-suġġett li għażilt għal dan l-artikolu huma l-Bandi li jindirizzaw sia t-tiżjin bil-mixgħela "*e fuochi d'allegrezza*"[1], u sia "*mortaletti* [murtali], *solfarelli* [sufarelli], *e qualunque altro fuoco artificiale* [u kull tip ta' nar ieħor artifiċjali]", jiġifieri l-Bandi li kienu nħarġu fi żmien il-Kavallieri dwar dak kollu li jirrigwardja l-mixgħela u l-logħob tan-nar li normalment jinħaraq f'xi okkażjoni bħal festa, ċelebrazzjoni u attivitajiet oħra pubbliċi.

Dan ifisser li l-poplu Malti u Għawdxi kien midħla sew tat-tiżjin bil-mixgħela mad-djar tagħna u tal-logħob tan-nar fl-irħula tagħna u l-Kavallieri kienu jħossu l-ħtieġa li jinħareġ bandu minn żmien għal żmien skont il-festa jew l-okkażjoni li tkun ser tiġi ċċelebrata. Dawn huma ftit eżempji ta' Bandi li jirrigwardjaw tiżjin, mixgħela u logħob tan-nar li ħarġu l-Kavalleri tal-Ordni ta' San Ġwann bejn is-snin 1737 u 1761 għal xi okkażjoni ta' ċelebrazzjoni partikolari … Bandi li juru manifestament ċar li permezz tagħhom, il-Kavallieri kienu jitolbu pemezz t'ordni, il-parteċipazzjoni tal-poplu għall-festi u għaċ-ċelebrazzjonijiet partikolarment fil-bliet ta' Valletta, Vittoriosa [Birgu], l-Isla u Bormla.

Fit-**23 ta' Ġunju 1737**, kien inħareġ Bandu *ad unur* tas-"*Sacrosanta Reliquia della Santa Mano*" [l-għadma tal-idejn] ta' San Giovanni

Battista – Patrun tal-Ordni ta' San Ġwann - liema Bandu ordna li fil-festa tal-"*Gran Santo*" [tal-kbir qaddis] kellhom jiżżejnu t-twieqi u l-gallarijiet "*con drappi di seta e tapeti*" [bid-drapp tal-ħarir u twapet] kif ukoll dawk il-persuni finanzjarjament komdi u benestanti, u mhux il-fqar u dawk fil-bżonn, "*debbano fare* ***(ikompli f'paġna 156) (ikompli minn paġna 82)*** *le-luminarie* [mixgħela]" mit-twieqi u l-gallarijiet tad-dar tagħhom "*questa sera della sua viglia*" [f'lejlet] "*e nella sera di domani sua festivita'*" [u l-għada fil-festa tiegħu].

Fit-**12 ta' Settembru 1738**, fl-okkażjoni tal-"*Matrimonio di Re' di Napoli e Sicilia*" [it-tieġ tar-Re ta' Napli u Sqallija][2] inħareġ Bandu li ordna li kull persuna ta' kull klassi u kundizzjoni, kellha "*per tre sere continue*" [għal tlett iljieli wara xulxin] tagħmel mixgħela "*o fuochi d'allegrezza*" fit-twieqi u l-gallarijiet ta' darha "*e cosi' continuare nell'estesso modo per le sere successivamente*" [liema mixgħela kellha titkompla bl-istess mod fl-iljieli ta' wara] taħt piena għal min jikser tali ordni li b'multa ta' "*oncie quattro*" [erba' unicas][3] liema multa mħallsa kellha tmur għand persuni "*povere e misarabili*" [foqra u batuti].

Fit-**22 ta' Novembru 1740,** inħareġ Bandu taħt it-titlu ta' "*Luminazze per il Pontificato*" fl-okkażjoni pontifikali tal-ħatra tal-Papa Benedettu X bħala kap tal-Knisja Kattolika, li kien "*ordina* [jordna] *e comanda* [jesiġi] *a qualunque persona di qualsiasi grado e condizione*" [li kull persuna ta' kull klassi u kundizzjoni] sabiex "*per tre sere continue*" [għal tlett iljieli wara xulxin] mil-lejl tas-Sibt, "*venessero fare luminarie* [mixgħela] *e fuochi d'allegrezza nelli balconi* [fil-gallariji] *e finestre* [twieqi] *di sua casa*" taħt piena għal min jikser tali ordni li jħallas multa ta' "*oncie quattro*" [erba' unicas] liema multa kellha tmur għand persuni "*povere e misarabili*" [foqra u batuti].

Fit-**28 ta' Novembru 1740**, "*in allegrezza del felice parto* [ħlas] *del sua Altezza Regina di Sicilia e Napoli*", inħareġ Bandu li kien ordna li r-residenti "*di queste quattro citta'*" [erbat ibliet ta' Valletta, Vittoriosa, l-Isla u Bormla] fit-twieqi u l-gallarijiet tagħhom, "*fare i lanteroni* [fanali] *e luminarie d'allegezza nelle notti* [fl-iljieli] *del sabato, domenica e lunedi* [is-Sibt, il-Ħadd u t-Tnejn] *che saranno il primo, second e terzo del entrambe mese di settembre*. [l-ewwel, it-tieni u t-tlieta ta' Settembru]" Min kien jikser tali ordni kellu multa ta' "*oncie quattro*" [erba' unicas] liema multa kellha tmur għand persuni "*povere e misarabili*" [foqra u batuti].

Fis-**7 ta' Lulju 1742**, fl-okkażjoni tal-"*incoronazione le Sua Maesta Cesarea*", inħareġ Bandu li kien ordna li "*tutti li abitanti*" [ir-residenti] tal-erbat ibliet, ossia Valletta, Vittoriosa, l-Isla u Bormla, "*debbono nelli fenestre, e balconi di loro case fare I lanteroni* [fanali] *e luminarie* [mixgħela]" fuq medda ta' tlett iljieli u cioè tas-7, 8 u 9 tax-xahar ta' Lulju u min ma kienx isegwi tali ordni, kien jeħel multa ta' "*onze quattro*" [erba' unicas] liema multa kellha tmur għand persuni "*povere*" [foqra].

Fil-**5 ta' Ottubru 1758**, kien inħareġ Bandu ieħor li kien jikkontempla li b'turija tal-ferħ fl-okkażjoni pontifikali tal-ħatra tal-Papa Klement XIII bħala kap tal-Knisja Kattolika, kien "*ordina* [jordna] *e comanda* [jesiġi] *a qualunque persona di qualsiasi grado e condizione*" [li kull persuna ta' kull klassi u kundizzjoni] sabiex "*per tre sere continue*" [għal tlett iljieli wara xulxin] "*fare luminarie* [mixgħela] *e fuochi d'allegrezza nelli balconi* [fil-gallariji] *e finestre* [twieqi] *di sua casa*" taħt piena għal min jikser tali ordni li jħallas multa ta' "*oncie quattro*" [erba' unicas] liema multa mħallsa kellha tmur għand persuni [povere e misarabili" [foqra u batuti].

Fid-**9 ta' Marzu 1761**, kien inħareġ Bandu li kien ordna li "*da oggi in avanti nessuna persona di qualunque stato, eta', sesso, ed condizione*" [mil-lum 'il quddiem, l-ebda persuna ta' liema klassi, età, sess, u kundizzjoni] ma seta' "*per se e per altri*" [għalih jew għal ħaddiehor] "*far sparare*" [jaħraq] murtalletti, sufarelli jew nar ieħor għall-ebda raġuni "*de giorno e di notte*" [matul il-ġurnata u bil-lejl] taħt il-piena li jkunu kkonfiskati "*delle mortaletti* [il-murtalletti], *della polvere* [il-polvri] *e fuochi artificiali* [il-logħob tan-nar]" kif ukoll "*de altra corporale*" [kull ħaġa oħra] li jiddeċiedi l-Imħallef.

## Illum...

Illum, it-tiżjin u l-mixgħela għall-okkażjonjiet tagħna huma ħafna u jafu l-għeruq tagħhom minn żmien missirijietna. Tajjeb li jissemma' t-tiżjin, il-mixgħela u l-logħob tan-nar fil-festi tagħna li jagħtu ħajja lir-raħal u lill-belt tagħna u juru li verament qiegħda tkun iċċelebrat żmien ta' festa li fih jipparteċipa l-poplu. Imma tajjeb li jkun enfasizzat illi tali tiżjin, mixgħela u logħob tan-nar, aktar iva milli le, jeżistu grazzi għal numru kbir ta' voluntieri, partikolarment żgħażagħ, li jagħmlu differenza kbira u siewja għall-kontinwità u l-akkrexximent tal-kultura tagħna.

## Referenzi

1 Wieħed jifhem li l-mixgħela kif ukoll "*fuochi d'allegrezza*" kif tal-aħħar huma riferuti f'numru ta' Bandi, kienu jinxtelgħu biż-żejt f'riċipjent li seta' kien tal-ħġieġ ikkulurit li kienu jiddendlu mad-djar bħal mal-lum indendlu fistun bil-bozoz.

2 Dak iż-żmien, Malta u Għawdex kienu jaqgħu taht ir-renju tar-Re ta' Sqallija.

3 '*Uncias*' kienet munita ta' dak iż-żmien.